Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 40/2024 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 30 t' Ottubru 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:50

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Skużat
Sur Clayton Cascun	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Assenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Assenti
Sur Ray Azzopardi	Viċi - Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Skużat
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

40.1 Ittri ta' Apoloġija

40.1.1 Il-President semma li s-Sur Neil Attard, is-Sur John Boxall u s-Sur Marco Agius talbu li jkunu skużati. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis, tniżżlu bħala skużati. Filwaqt li s-Sur Joseph Abela Galea u s-Sur Jason Silvio ma nfurmawx li ma kinux ser jattendi għaldaqstant dawn kienu ser jitniżżlu assenti. Filwaqt li s-Sur Olaf McKay kien informa li kien ser jattendi s-Sur Ray Azzopardi għal-laqgħa.

40.2 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.39

40.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti hekk kif mibgħutha mill-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

40.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 34

40.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Jorge Grech u s-Sur Clayton Cascun ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-1 t' Ottubru 2024 u t-30 t' Ottubru 2024 li kienet tammonta għall-€360,897.15.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

40.4 Punti maħruġa mill-Minuti Nu 39

40.4.1 Belt Kulturali Ewropea

Il-President fakkar li nhar l-4 ta' Novembru s-Sindki flimkien mas-Segretarju Eżekuttivi u rappreżentanti mill-Kunsill Lokali huma mitluba sabiex jattedu għal-laqgħa mal-persuni li ġew inkarigati li jaħdmu fuq il-Bid Book. Semma li l-laqgħa tibda 15:00 u ser tinżamm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Birgu.

40.5 Komunikazzjoni oħra

40.5.1 Laqgħa ġewwa Berlin

Il-President semma li l-biljetti tal-ajru kienu nqatgħu mill-Kunsill Lokali tal-Birgu u li r-Reġjun kien ser jirrifondi lill-Kunsill l-ispiża tal-biljett tal-President.

40.5.2 Immaniġġjar tal-iskart

Il-President semma li komplew il-laqgħat mal-kuntrattur. Is-Sindki preżenti semmew li r-Reġjun għandu jara li l-vetturi użati sabiex jagħtu servizz għandhom ikollhom il-permessi neċessarji maħruġa mill-Awtoritajiet kompetenti sabiex ikunu jistgħu joperaw. Semmew li r-Reġjun għandu jibqa' jenfasizza li jitwaqqaf is-servizz tal-Customer Care li kien parti mir-rekwiżiti għas-sejħa.
Il-President semma li jrid jieħu parir legali jekk multa għandhiex titnaqqas mill-kont tal-kuntrattur jew jekk ir-Reġjun għandux joħroġ invoice bil-multa. Is-Segretarja semmiet li l-proċedura li bihom jitħalsu l-multi huwa billi r-Reġjun jaqta' mill-pagament dovut lill-kuntrattur.
Isemma wkoll il-fatt li minkejja li l-Awtoritajiet huma konxji li hemm vetturi mingħajr il-permessi meħtieġa dawn xorta qed jitħallew joperaw u mhux jiġu mwaqfa milli jbattlu l-iskart.
Is-Sur Holland semma li wasal iż-żmien li nibdew naħsbu bis-serjeta' fuq alternattivi ta' kif għandu jinġabar l-iskart f'pajjiżna.
Is-Sur Aquilina enfasizza li huwa qed jidibatti fuq is-sistema u mhux fuq l-individwi.

40.5.4 Fondazzjoni Kottonera

Il-President semma li r-Reġjun, f'Diċembru jistenna li jingħata l-ewwel rapport bl-andament ta' dak li qed jiġri fuq il-Bid Book.

40.6 Komunikazzjoni oħra

40.6.1 Talba mill-Kunsill Lokali Valletta

Il-President semma li rċieva talba mill-Kunsill Loakli tal-Belt sabiex issir il-claim fuq attivitajiet kulturali, liema claim suppost daħlet fis-sena 2023. It-talba hija ta' €10,000. Il-President

	propona li jekk ikun hemm approvazzjoni mill-Membri, ir-Reġjun lest li jħallas l-ammont dovut. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, ir-Reġjun qabel li jirrifondi lill-Kunsill.
40.6.2 LESA Enforcement Funds	Il-President semma li kienu daħlu xi claims mill-Kunsill Lokali tal-Fgura u anki ta' Ħaż-Żabbar. Kien hemm qbil li fi Frar 2025 jittieħed rendikont ta' dak li ntefaq sa issa u wara wieħed iressaq għall-approvazzjoni kif ser jinqasmu l-kumplament tal-fondi li ma tkunx daħlet claim fuqhom.
40.6.3 Fondi tal-Wasteserv	Il-President propona li bil-fond ta' €2000 li r-Reġjun kiseb mill-Wasteserv, ir-Reġjun jixtri żewġ garden blowers lil kull Kunsill Lokali. Fuq il-proposta tal-President issekondata mis-Sur Clayton Cascun kien hemm qbil li jinxtraw il-garden blowers għall-Kunsilli Lokali
40.6.4 Proċeduri tal-Qorti mill-eks Segreatrju Eżekuttiv	Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li l-mandat ta' sekwestru minkejja li r-Reġjun rebħu l-fondi għadhom pendenti u għadhom m'għaddewx għand ir-Reġjun. Semmiet li hija kienet għaddiet l-IBAN number lill-avukat. Semmiet ukoll li kienu ġew sottomessi wkoll risposti tar-Reġjun fuq rikorsi li reġgħet fetħet fil-Qorti. Semmiet li kopja ta' dawn ir-risposti ntalbu wkoll lill-avukat.

40.7 Aġġornament

40.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija. Il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 28 ta' Novembru 2024 fit-15:00 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv